MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 18 ta' Novembru 2020**

**Kumpilazzjoni numru 624/2020 CG**

**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
**(Spettur Lara Butters)**
**(Spettur Karl Roberts)**

**Vs**

**Hamada Wajeeh Mohamed Taha Almobayed**
**(Numru tal-Pulizija 19NN-043)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Hamada Wajeeh Mohamed Taha Almobayed** li ġie mressaq quddiemha akkużat talli fis-17 ta' Novembru, 2020 u jew fil-jiem, ġimgħat, jew xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-gżejjer;

1. Bil-ħsieb illi jagħmel xi qliegħ li jkun, għen, assista, ta' parir jew ħabbrek biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta' Malta, jew li sew f'Malta, sew barra minn Malta, ikkonġura f'dak is-sens ma' xi persuni oħra u l-għadd ta' persuni mgħejjuna, mogħtija parir, li sar tħabrik dwarhom jew il-mira tal-konġura kif imsemmi qabel, kien ta' aktar minn tlieta, u dan bi ksur tal-Kap 9 Art 337A tal-liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess perjodu, lok, u ċirkostanzi, għen jew assista lil xi persuna biex tinżel l-art jew tittanta tinżel l-art f'Malta, jew li toqgħod ġewwa Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew lil xi persuna biex tinżel l-art jew tittanta tinżel l-art jew li toqgħod ġewwa, jew li titlaq minn xi Stat ieħor bi ksur tal-liġi dwar id-dħul, ir-residenza, u l-ħruġ ta' dak l-Istat, jew taħbi jew tagħti kenn lil xi persuna li tkun taf, jew ikollha tassew, għax taħseb, li tkun qiegħda f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att bi ksur tal-Kap 217 Art 32 (1A) tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata wara li l-Qorti tatu żmien jirrikonsidra il-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni abbinati mar-reati in diżamina;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti, tqis li għalhekk dawn l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena, l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qiegħed jinstab ħati l-imputat, liema reati huma ta' natura serja, il-fedina penali tiegħu, il-fatt li mal-ewwel okkażjoni l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu, iżda wkoll li l-imputat għen fl-investigazzjoni tal-Pulizija.

Il-Qorti tirrileva illi dawn ir-reati, fosthom it-traffikar illegali ta' persuni, huma reati li jolqtu s-sigurtà tal-Istat u għalhekk huma reati serji u puniti b'massimu ta' tnax-il sena priġunerija. Wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat għandu jiġi kkundannat għal terminu ta' priġunerija li jirrifletti l-gravità tar-reati iżda wkoll li jieħu in konsiderazzjoni l-koperazzjoni tiegħu mal-Pulizija.

**DECIDE**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 337A tal-Kodiċi Kriminali, u l-artikolu 32 (1) (a) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq**

**ammissjoni, issib lill-imputat Hamada Wajeeh Mohamed Taha Almobayed ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' ħamsa u erbgħin (45) xahar priġunerija.**

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur